Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TLIETA U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 20 t'Awissu 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS (Skuzat) |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB (Skuzat) |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZ |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Is-Sindku beda l-laqgha billi semma l-mewga ta' serq li hakmet ir-rahal ta' Tas-Sliema permezz ta' marki mal-bibien u li fl-ahhar granet dehru wkoll fir-rahal ta' H'Attard. Is-Sindku propona li terga' tigi ntrodotta s-sistema tan-Neighbourhood Watch biex il-Kunsill ikun b'xi mod qed jghin lir-residenti u jinsisti li jkun hemm iktar ronda. Ha jigu ssetjati dati ghall-laqghat mal-Pulizija u r-residenti sabiex wiehed jistabbilixxi ezatt il-procedura ta' Neighbourhood Watch.

## 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-minuti gew approvati wara li ntalbet korrezzjoni fuq il-linja 'ghala ma ngabietx informazzjoni dwar ix-xoghol ta' Triq il-Mingel fir-Rivista? flok 'ghala ma nhargitx tender ghal Triq il-Mingel'.

Is-Sindku talab li l-Kunsill jaqbez ghall-item tal-Agenda tal-laqgha sabiex jitkellem is-Sur Edward Said, Perit li hejja rapport fuq l-istat tal-*embankment* fi Triq il-Linja. Hu qal li kif jaf kulhadd intbaghtet l-ittra sabiex jigi skedat l-*embankment*. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li s'issa giet ricevuta biss *acknowledgement*. Is-Sur Said qal li hemm diversi problemi li jridu jigu ndirizzati u inutli wiehed johlom. Dan il-progett irid jinqasam f'fazijiet. L-ewwel fazi ta' dan il-*long term project* irid jinqasam fi 2....wahda l-parti ta' wara l-Corinthia u l-ohra l-parti li tmiss ma' Gnien l-Istazzjon. Idejalment l-ewwel issir l-ewwel fazi u wara l-parti ferm ikbar fejn jergghu jinkixfu l-fondamenti tal-istazzjon u jinbnew il-kmamar mill-gdid. Dawn il-kmamar jistghu ikunu utli ghall-Kunsill bhalha librerija jew ghal xi esobizzjoni. Is-Sur Cassar qal li dan hu progett ambizzjuz imma l-fondi ewropej ghar-restawr huma kollha ezawriti fuq progetti tal-Gvern. Is-Sur Said qal li dan il-progett hu stmat li jiswa bejn it-€80,000 - €100,000. Ovvjament qal is-Sur Said trid tintefa' applikazzjoni l-MEPA li f'dan l-istadju mhux telf u jrid jinbeda process ta' devoluzzjoni kompla s-Sur Cassar. Intqal ukoll li l-istazzjon t` B'Kara ghad hemm rail originali bhal ma Sant'Anton hemm ukoll zewg hwat li kienu originali fl-istazzjon ta' H'Attard. Gie deciz li ssir konferenza stampa nhar il-Gimgha, 5 ta' Settembru sabiex forsi wiehed jgib xi fondi ghar-restawr ta' dan il-progett kif ukoll tintefa' applikazzjoni l-MEPA sabiex forsi anki nibdew xi haga mill-progett in se. Is-Sur RB propona li tingab bord jigu printjati rritratti li jidhru fir-rapport anness ma dawn il-Minuti u apparti li jigu mistiedna niex distinti bhall-Ambaxxaturi, banek, Malta Railway Foundation jigu offruti xi drinks mill-Management tal-Corinthia.

## 2. PUNTI MQAJJMA

Hadd ma kellu punti xi jqajjem.

3. **KORRISPONDENZA**

🗁Ittri minghand WM Environmental, Veladrian's u Waste Collection Limited fuq dak li talab il-Kunsill fl-ahhar laqgha cioe' li l-Kuntratturi jaghtu spjegazzjoni fuq l-ispiza relatata mal-offerti mitfuqgha f`Tender ALC 06/14. Mill-ittri kollha mibghuta irrispondew dawn it-tlieta biss u filwaqt li Waste Collection Limited qalu li mhumiex iktar interessati WM Environmental u Veladrian's taw spjegazzjoni. Is-Sur Bartolo qal li fic-Cirkustanzi l-Kunsill ghandu jirriskja u jaghti t-tender l-irhas wiehed u jekk dan jirrizulta li mhux tajjeb il-Kunsill johrog default notices u jmur ghal ta' warajh. It-Tender ALC 06/14 giet moghtija lill-WM Environmental Limited.

/🗁E-mail minghand Attard Subbuteo Club rigward talba sabiex jorganizzaw tournament u li fih jinghataw 3 trofew. Din it-talba giet milqugha u l-attivita' sa tkun parti mill-attivitajiet ta' Car Free Day.

🗁E-mail minghand Salv Sammut Ghaqda Poeti Maltin sabiex tittella' serata li fiha jinqraw poeziji Maltin. Din it-talba ghandha tigi kkunsidrata ghall-attivitajiet iktar 'l quddiem minhabba li l-programm ghalJum H'Attard hu lest.

🗁Email minghand Local Goverment Association sabiex isiru laqghat informattivi fuq l-efficjenza tal-energija effettiva. Il-Kunsill qabel li jsir avviz fir-Rivista u jinkitbu dawk kollha nteressati.

🗁E-mail minghand Transport Malta bi proposta sabiex it-toroq Karm Debono, B'Kara, Mithna u San Duminku jigu maghluqa ghat-traffiku waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug tat-tfal mill-u skola, kif ukoll li Triq San Duminku tkun maghluqa waqt il-hinijiet tal-MUSEUM cioe' bejn 17.00 u 20.00. Il-Kunsill ma qabilx ma dawn it-talbiet hekk kif proposti u ghandha tintbaghat risposta f'dan is-sens.

🗁E-mail minghand Kevin Apap EUPA rigward jekk l-Attard Youth Council hux parti mill-Kunsill Lokali H'Attard jew grupp indipendenti peress li jidher li dawn iridu jahdmu ghall-rashom. Is-Sur RB talab permess sabiex tintbaghat e-mail lill-EUPA li huma jridu jiddeciedu jekk ikunux parti mill-KL u li prassi normali hi li grupp fi hdan grupp iehor ghandu jzomm mar-regoli ta' dan il-grupp. Il-Kunsill qabel li tintbaghat l-e-mail hekk kif moqrija.

4. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI – LULJU**

Il-pagamenti gew approvati wara li s-Sur Zammit staqsa xi mistoqsijiet fuq l-ispejjez tal-accountants peress li kien intqal li qed isir hafna xoghol mis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju wiegbet li hu minnu li qed isir hafna xoghol minna. Fil-fatt dan irrizulta li l-Kunsill f'dan is-sentejn franka €5000 fis-sena mill-prezz tat-tender ta' sentejn ilu li kien madwar €10000 fis-sena. Madankollu tender hi tender u dawn il-flejjes jithallsu ghar-rapporti kollha mhejjija mill-Accountants. Saru mistoqsijiet ohra mis-Sur Zammit fuq l-FSS u l-ispejjez relatati mal-bdil tal-bozoz liema kont kien ta' xi sitt xhur shah.

5. **PREZENTAZZJONI RAPPORT FUQ L-*EMBANKMENT***

Dan l-item ga gie prezentat.

6. **EUROPEAN MOBILITY WEEK**

Is-Sur RC qal li l-Kunsill jista' jahdem fuq il-programm tas-sena l-ohra imma fuq l-applikazzjoni SUMP li ghaliha hemm premju ta' €50,000 irid ikun hemm traffic management imhejji bis-serjeta' kif ukoll tintela' l-applikazzjoni bis-serjeta'. Fost il-proposti jista' jkun hemm li tigi pedestrijanizzata l-area ta' wara l-Knisja fi Triq Tumas Dingli, jinzerghu sigar tal-laring fit-toroq, isiru konok godda fit-toroq Santa Katerina, Karm Debono etc. Il-Kunsill se jistaqsi l-Perit tieghu hekk hux interessat biex jekk fil-kaz ikun mhabbat naraw jistax jahdem fuqha l-Perit Edward Said.

7. **UPDATE JUM H'ATTARD**

Is-Sur SC qal li qed jiddiskuti l-prezz tas-sehem tal-banda ghall-Jum H'Attard. Is-RB propona li Jum H'Attard jinzamm fuq palk quddiem il-Knisja. Kulhadd qabel. Is-Sur SC qal li din hi idea tajba u ha jara mas-Sur Paul Azzopardi fuq jekk jistax jintrama palk fl-area msemmija. Il-Kunsill ghandu jinsisti fuq in-nomini u sabiex sal-bidu ta' Settembru jintbaghtu l-inviti.

**8. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jithallsu l-ispejjez relatati mal-Gwardjani Lokali li nqalghu biex izommu l-ordni fit-toroq waqt il-granet tal-festa. Kulhadd qabel.
- Talab li tigi approvata mozzjoni sabiex jinfetah kont gdid tal-bank bl-isem Kunsill Lokali H'Attard Regjun Centru sabiex fih jigu depozitati fondi zejda mir-Regjun Centru li jammontaw ghal xi €45,000. Is-Sur RB ssekonda. Kulhadd qabel. Mozzjoni ghaddiet. Il-Kunsill Lokali H'Attard irrisolva li jinfetah kont bankarju hekk kif indikat fil-Mozzjoni.

Is-Sur RB skuza ruhu u halla l-kamra.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni li jekk ha jinzabru s-sigar ta' Triq Hal-Warda jinzabru biss minn taht u dawk tan-naha tal-Banif Bank ma jinzabru xejn.
- Li s-sigar fi Triq Xatbet l-Art ghandhom bzonn it-tisqija.
- Li jistghu jinzerghu xi sigar ohra fi Triq Xatbet l-Art meta jkun waqthom
- Li hemm bzonn tindifa fl-istess area ghax hemm kaxxa b'xi glud ilha hemm mill-Gimgha.

Is-Sur Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li hdejn ir-Razzett Complex hemm xi knaten nieqsin biex jitrangaw. Is-Segretarju kkonfermat dan ghax qed jidhlu xi nies bil-klieb taghhom u jhammgu l-hamrija kollha.
- Li hemm bzonn tindifa sewwa hdejn l-iScotts ghax hdejn il-Bring-in Site mimli zibel. Is-Sur Cassar anka ssuggerixxa li ssir sodda tal-konkos forsi l-area tidher iktar attraenti.
- Li l-bankina fi Triq il-Qiegha ma' Triq il-Fies imharbta kollha u hemm bzonn li tittranga.
- Wassal ir-ringrazzjamenti tieghu ghall-bank li sar hdejn l-area tal-Qasam tal-bini tal-Gvern.
- Li Triq Hannibal hemm xi tlett lampi, fuq l-arbli, in fila maqtughin u li ilhom maqtughin hafna
- Li terga' titwahhal il-lampa li nqalghet minn Triq il-Mingel/Triq is-Sienja.

**9. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata għall-Erbgha, 17 ta' Settembru fil-4.30pm

________________________ Sindku

________________________ Data